# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 17 ta' Gunju 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Said Sareo)**
**vs**
**Spiridione Costa**

Il-Qorti,

Spiridione Costa m/b Spiridione Tanti Costa, u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 102365M.

Akkuzat talli:

1. Nhar il-12 ta' Gunju 2016, ghall-habta tas-2:00 ta' fil-ghodu, gewwa Triq San Luqa, Pieta, ittanta li jikkommetti serqa minn gewwa l-istabbiliment bl-isem ta' Angler Centre, ghad-dannu ta' Silvio Farrugia u/jew persuni ohra, liema reat ma sehhx minhabba xi haga indipendenti u accidentali mil-volonta tieghu, u liema attentat huwa aggravat bil-mezz u bil-hin, u dan bi ksur ta' l-artikoli 41(1)(a), 261, 263 u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamel hsara fuq bini, ghad-dannu ta' Josef Dimech u/jew persuni ohra, liema hsarat huma ta' aktar inqas minn 250 Euro u dan bi ksur ta' l-artikolu 325(1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkustanzi, gewwa il-Pieta, m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta' persuni inkarigati minn servizz pubbliku, u/jew ma halliehomx jew fixkilhom waqt li kienu jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista jaghmel, jew billi gab fix-xejn dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun u dan bi ksur ta' l-artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

4. U aktar talli naqas milli jhares kundizzjonijiet li gew imposti fuqu mill-Qorti ta' Malta, mil-Magistrat Dr. C. Stafrace Zammit LL.D fid-digriet taghha  datat 18 ta' Mejju 2015 li bih hu kien gie ordnat sabiex ma jaghmilx reat iehor u sabiex jirrinkaza ruhhu bejn nofs il-lejl u is-7 :00 ta' fil-ghodu, u dan bi ksur ta' l-artikolu 579 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, irrendha ruhhu recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi mghotija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistwx jigu mibdula

Il-Qorti giet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmija reati, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-rearrest ta' l-imputat, Kif ukoll tordna li s-somma ta' 8,000 Euro bhala garanzija personali jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' din il-persuna/i hawn fuq indikata.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 (C) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' taghhom, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma kull piena li l'Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu, kif ukoll il-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni fi stadju bikri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 49, 50, 261(b)(f), 263, 270, 289, u 325(1)(c), 338(ee) u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni issibu hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah tmintax (18) il-xahar prigunerija. Inoltre qed tirrevoka l-helsien mill-arrest mghoti permezz ta'degriet datat 18 ta' Mejju 2015 u qed tikkonfiska favur il-Gvern ta' Malta l-garanzija personali ta' tmient elef Euro mghotija f'l-istess degriet tat-18 ta' Mejju 2015.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**